31990L0547

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tad-29 ta' Ottubru 1990
dwar it-transitu ta' elettriku minn *grids* ta' trasmissjoni

(90/547/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100a miġjub fih,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni [1],

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri bil-għan li jiġi stabbilit progressivament is-suq intern matul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi l-Kunsill Ewropew irrikonoxxa, fil-laqgħat suċċessivi tiegħu, partikolarment f'Rodi, li huwa meħtieġ suq intern wieħed fl-enerġija u billi l-kisba tas-suq intern, speċifikament fis-settur ta' l-elettriku, għandu jgħin l-iżvilupp ulterjuri ta' l-għanijiet Komunitarji li jirrigwardaw l-enerġija;

Billi għandu jkun hemm integrazzjoni ikbar tas-suq ta' enerġija Ewropew sabiex ikun jista' jinkiseb is-suq intern waħdieni; billi l-elettriku huwa komponent essenzjali tal-bilanċ Komunitarju ta' enerġija;

Billi l-kisba tas-suq intern ta' enerġija, partikolarment fis-settur ta' l-elettriku, trid tqis ukoll l-għanijiet ta' għaqda ekonomika u soċjali, jiġifieri, fi kliem konkret, garanzija ta' provvista ottimali ta' elettriku liċ-ċittadini kollha tar-reġjuni Komunitarji, bil-għan li jittejbu u jiġu armonizzati l-kondizzjonijiet ta' l-għixien u l-bażi ta' żvilupp b' mod partikolari fir-reġjuni l-inqas favoriti;

Billi l-politika dwar l-enerġija, ħafna iktar minn kull miżura oħra li tikkontribwixxi lejn il-kisba tas-suq intern, ma tistax tiġi implimentata biss bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż u li tinżamm il-kompetittività, imma trid tqis ukoll l-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà ta' provvisti u l-kumpatibbiltà ta' metodi ta' produzzjoni ta' l-enerġija ma' l-ambjent;

Billi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, għandhom jiġu meqjusa l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ta' l-elettriku;

Billi kull sena qiegħed jiżdied il-kummerċ fl-elettriku bejn il-*grids* ta' elettriku ta' vultaġġ għoli fl-Ewropa; billi s-sigurtà tal-provvista ta' elettriku tal-Komunità Ewropeja tista' tittejjeb u l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu jekk jiġu kkoordinati l-bini u l-operazzjoni ta' l-interkonnessjonijiet meħtieġa għal dan it- tip ta' kummerċ;

Billi l-iskambju ta' l-elettriku bejn *grids* ta' l-elettriku li huwa bbażat fuq kuntratti b'durazzjoni minima ta' sena tant hu kbir illi talbiet għal transazzjonijiet u l-konsegwenzi tagħhom għandhom jiġu mgħarrfa sistematikament lill-Kummissjoni;

Billi huwa possibbli u desiderevoli li jiżdiedu t-trasferimenti ta' l-elettriku bejn *grids* u li jiġu kkunsidrati l-imperattivi ta' sigurtà u ta' kwalità ta' provvista ta' elettriku; billi l-istudji juru li dawn it-trasferimenti ikbar ta' elettriku bejn *grids* jistgħu jimminimizzaw l-ispejjeż ta' investment u ta' karburanti involuti fil-ġenerazzjoni u trasmissjoni ta' l-elettriku u jistgħu jiżguraw użu ottimali tal-mezzi ta' produzzjoni u ta' l-infrastruttura;

---

(1) ĠU C 8, tat-13.1.1990, p. 4.
(2) ĠU C 113, tas-7.5.1990, p. 91 u Deċiżjoni ta' l-10 ta' Ottubru 1990 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU C 75, tas-26.3.1990, p. 23.

Billi għad hemm ostakli għal dan it-tip ta' kummerċ; billi, sakemm dawn mhumiex dovuti għat- tip ta' teknoloġija użata jew għat-tip tal-*grids* nnifishom, dawn l-ostakli jistgħu jitnaqqsu jekk it- transitu ta' l-elettriku minn *grids* jsir obbligatorju u jekk tiġi introdotta sistema xierqa għas-sorveljanza tal-ħarsien ta' din l-obbligazzjoni;

Billi din l-obbligazzjoni u s-sistema ta' sorveljanza tirrigwarda t-transitu ta' l-elettriku involut f'kummerċ li huwa ta' interess Komunitarju, i.e. transitu minn *grids* ta' vultaġġ għoli;

Billi l-kondizzjonijiet tal-kuntratt li jirrigwardaw it-transitu ta' l-elettriku bejn *grids* għandhom jiġu nnegozjati bejn l-entitajiet responsabbli; billi l-kondizzjonijiet ta' transitu għandhom ikunu ġusti u m'għandhomx joħolqu, direttament jew indirettament, kondizzjonijiet kuntrarji għar-regoli ta' kompetizzjoni Komunitarji;

Billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-konklużjoni ta' kuntratti dwar transitu, il-Kummissjoni qiegħda tipprovdi għall-ħolqien ta' proċedura ta' konċiljazzjoni li taħtha għandha ssir sottomissjoni fuq talba ta' waħda mill-partijiet, mingħajr ma dik il-proċedura tirriżulta f'effett li joħloq rabta legali;

Billi huwa meħtieġ li jiġu approssimati d-dispożizzjonijiet meħuda mill-Istati Membri li jaffettwaw it- transitu ta' l-elettriku;

Billi l-istabbiliment ta' suq intern fl-elettriku għandu jistimula l-proċess dinamiku ta' integrazzjoni aħjar tal-*grids* nazzjonali ta' l-elettriku, u billi f'dan il-kuntest miżuri u programmi ta' infrastruttura speċjali għandhom għalhekk jiġu implimentati sabiex tiġi aċċelerata l-konnessjoni effiċjenti u soċjalment vantaġġjuża ta' żoni periferali u ta' gżejjer fil-Komunità mal-*grid* interkonnessa;

Billi l-interkonnesjoni ta' *grids* Ewropej maġġuri li fuqhom għandu jiġi kkoordinat il-kummerċ testendi għal territorju ġeografiku li ma tikkoinċidix mal-fruntieri Komunitarji; billi hemm vantaġġ ovvju jekk tiġi mfittxa kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi involuti man-network interkonnessa Ewropeja,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw it- transitu ta' l-elettriku bejn *grids* ta' vultaġġ għoli b' mod konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Kull transazzjoni għat- trasport ta' l-elettriku taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin għandha tikkostitwixxi transitu bejn *grids*, skond it-tifsira ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal kull arranġamenti speċjali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi:

(a) it-trasmissjoni għandha ssir mill-entità jew entitajiet responsabbli f'kull Stat Membru għal *grid* ta' l-elettriku ta' vultaġġ għoli, bl-eċċezzjoni ta' *grids* ta' distribuzzjoni, fit-territorju ta' Stat Membru li jikkontribwixxi lejn il-ħidma effiċjenti ta' interkonnessjonijiet Ewropej ta' vultaġġ għoli;

(b) il-*grid* ta' oriġini jew ta' destinazjoni finali tinsab ġewwa l-Komunità;

(ċ) it-trasport jinvolvi l-qsim ta' mill-inqas fruntiera intra- Komunitarja waħda.

2. Il-*grids* ta' trasmissjoni ta' l-elettriku ta' vultaġġ għoli u l-entitajiet responsabbli għalihom fl-Istati Membri, li huma elenkati fl-Anness, għandhom jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Din il-lista għandha tiġi aġġornata wara konsultazjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati, kull meta dan ikun meħtieġ, permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni, fil-kuntest ta' l-għanijiet ta' din id-Direttiva u b' mod partikolari waral li jiġi meqjus il-paragrafu 1 (a).

Artikolu 3

1. Kuntratti li jinvolvu t-transitu ta' l-elettriku bejn *grids* ta' trasmissjoni għandhom jiġu nnegozjati bejn l-entitajiet responsabbli għall-*grids* kkonċernati u għall-kwalità tas-servizz ipprovdut u, fejn xieraq, ma' l-entitajiet responsabbli fl-Istati Membri għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni ta' l-elettriku.

2. Il-kondizzjonijiet tat-transitu għandhom, skond ir-regoli tat-Trattat, ikunu non-diskriminatorji u imparzjali għall-partijiet kollha kkonċernati, m'għandhomx jinkludu klawsoli inġusti jew restrizzjonijiet mhux iġġustifikati u m'għandhomx jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista u tal-kwalità ta' servizzi, b'mod partikolari wara li tiġi meqjusa bis-sħiħ l-utilizzazzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni u l-iktar operazzjoni effiċjenti tas-sistemi eżistenti.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom imsemmija fl-Anness jaġixxu mingħajr dewmien sabiex:

— jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati dwar kull talba għal transitu in konnessjoni ma' kuntratti ta' bejgħ ta' elettriku ta' tul minimu ta' sena,

— jifthu negozjati dwar il-kondizzjonijiet tat-transitu ta' elettriku meħtieġ,

— jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati dwar il-konklużjoni ta' kuntratt ta' transitu,

— jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati dwar ir-raġunijiet għalfejn in- negozjati naqsu milli jwasslu għall-konklużjoni ta' kuntratt fi żmien 12-il xahar wara l-komunikazzjoni tat-talba.

4. Kull waħda mill-entitajiet ikkonċernati tista' titlob li l-kondizzjonijiet ta' transitu jiġu soġġetti għal konċiljazzjoni minn organu mwaqqaf u ppresedut mill-Kummissjoni u li fih huma rappreżentati l-entitajiet responsabbli għall-*grids* ta' trasmissjoni fil-Komunità.

Artikolu 4

Jekk ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ftehim dwar talba għal transitu jidhru mhux iġġustifikati jew insuffiċjenti, il-Kummissjoni, fuq ilment mill-organu li jkun għamel it-talba jew fuq inizjattiva tagħha stess, għandha timplimenta l-proċeduri stabbiliti mil-liġi Komunitarja.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1991. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BATTAGLIA

L-ANNESS

Lista ta' l-entitajiet u tal-*grids* fil-Komunità koperti li jaqgħu taħt id -Direttiva

Stati Membru	Entità	Grid
Il-Ġermanja	Badenwerk AG	*Grids* ta' interkonnessjoni
	Bayernwerk AG	
	Berliner Kraft und Licht AG (Bewag)	
	enerġija-Versorgung Schwaben AG (EVS)	
	Hamburgische Elektrizitaetswerke (HEW)	
	Preussen-Elektra AG	
	RWE enerġija AG	
	Vereinigte Elektrizitaetswerke Westfalen AG (VEW)	
Il-Belġju	CPTE — Société pour la coordination de la production et du transport de l'électricité	Organu ta' koordinazzjoni għall-*grid* ta' provvista pubblika
Id-Danimarka	ELSAM	*Grid* ta' provvista pubblika (Jutland)
	ELKRAFT	*Grid* ta' provvista pubblika (Seeland)
Spanja	Red Eléctrica de España S. A.	*Grid* ta' provvista pubblika
Franza	Électricité de Franza	*Grid* ta' provvista pubblika
Il-Greċja	Δημόσια Επιχείρηση Ηλεκτρισμού (ΔΕΗ)	*Grid* ta' provvista pubblika
L-Irlanda	Electricity Supply Board	*Grid* ta' provvista pubblika
L-Italja	ENEL	*Grid* ta' provvista pubblika
Il-Lussemburgu	CEGEDEL	*Grid* ta' provvista pubblika
L-Olanda	SEP	*Grid* ta' provvista pubblika (Seeland)
Il-Portugall	EDP	*Grid* ta' provvista pubblika (Seeland)
Ir-Renju Unit	National Grid Company	*Grids* ta' trasmissjoni ta' vultaġġ għoli
	Scottish Power	
	Scottish Hydro-Electric	
	Elettriċità ta' l-Irlanda ta' fuq	